



TESTI ADOTTATI

P10_TA(2026)0115

Il-benesseri tal-klieb u l-qtates u t-traċċabbiltà tagħhom

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' April 2026 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-benesseri tal-klieb u l-qtates u t-traċċabbiltà tagħhom (COM(2023)0769 - C9-0443/2023 - 2023/0447(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0769),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), l-Artikolu 114 u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0443/2023),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-21 ta' Marzu 2024¹,
- wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-komitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 75(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-10 ta' Diċembru 2025, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 60 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Komitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel,

¹ ĠU C, C/2024/3388, 31.5.2024, ELI:
<http://data.europa.eu/eli/C/2024/3388/oj>.

- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A10-0104/2025),
- 1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taht²;
- 2. Jieħu nota tad-dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni annessi ma' din ir-risoluzzjoni, li se jiġu ppubblikati fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
- 3. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
- 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

² Din il-pożizzjoni tissostitwixxi l-emendi adottati fid-19 ta' Ġunju 2025 (ĠU C, C/2025/6280, 19.12.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/6280/oj>).

P10_TC1-COD(2023)0447

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari tat-28 ta' April 2026 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2026/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-benesseri tal-klieb u l-qtates u t-traċċabbiltà tagħhom

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) 2026/1818.)

ANNESS GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

Dikjarazzjonijiet dwar ir-Regolament (UE) 2026/1818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2026 dwar il-benesseri tal-klieb u tal-qtates u t-traċċabbiltà tagħhom[□]

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-passaport għall-annimali tal-kumpanija

Il-Kummissjoni tqis b'mod pożittiv l-inizjattiva li tippermetti d-diġitalizzazzjoni tal-passaport tal-annimali tal-kumpanija stabbiliti skont il-Liġi tal-UE dwar is-Saħħa tal-Annimali. Valutazzjoni dettaljata u komprensiva tal-implikazzjonijiet tekniċi u prattiċi u l-modalitajiet ta' tali objettiv tad-diġitalizzazzjoni għandha titwettaq fi żmien sentejn, f'koordinazzjoni mal-Istati Membri, inkluż billi jitqiesu l-kundizzjonijiet ewlenin tekniċi, prattiċi u infrastrutturali u l-opzjoni li tintuża l-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali żviluppata aktar fir-Regolament (UE) Nru 910/2014. Il-Kummissjoni se tqis li tadotta atti delegati skont il-Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali sabiex tipprevedi diġitalizzazzjoni tal-passaport tal-annimali tal-kumpanija ladarba jitlestew dawn il-passi.

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-lista pożittiva tal-annimali tal-kumpanija

Kif imħabbar fir-reviżjoni tal-2022 tal-pjan ta' azzjoni tal-UE kontra t-traffikar tal-organiżmi selvaġġi, il-Kummissjoni nediet studju dwar il-ħtieġa, il-valur miżjud u l-fattibbiltà tal-introduzzjoni ta' "lista pożittiva ta' annimali tal-kumpanija" madwar l-UE. Ir-rapport finali ta' dan l-istudju se jkun disponibbli għall-pubbliku fil-bidu tal-2026. Il-Kummissjoni se tqis jekk hemmx bżonn ta' xi segwitu.

□ ĠU L, 2026/1818, 10.8.2026, ELI:
<http://data.europa.eu/eli/reg/2026/1818/oj>.